Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Novembru 2009

dwar miżuri tranżitorji skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ipproċessar ta' ħalib nej mhux konformi f'ċerti stabbilimenti tal-ipproċessar tal-ħalib fil-Bulgarija

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 9282)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/861/KE)

(ĠU L 314, 1.12.2009, p. 83)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/276/UE tal-10 ta' Mejju 2010	L 121	10	18.5.2010
►**M2**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/653/UE tal-21 ta' Ottubru 2010	L 283	28	29.10.2010
►**M3**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/322/UE tas-27 ta' Mejju 2011	L 143	41	31.5.2011
►**M4**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/899/UE tal-21 ta' Diċembru 2011	L 345	28	29.12.2011

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Novembru 2009

dwar miżuri tranżitorji skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ipproċessar ta' ħalib nej mhux konformi f'ċerti stabbilimenti tal-ipproċessar tal-ħalib fil-Bulgarija

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 9282)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/861/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel ([2]) jistipula regoli ġenerali għall-operaturi tan-negozji tal-ikel dwar l-iġjene tal-oġetti tal-ikel ibbażati fost oħrajn fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u l-punti kritiċi ta' kontroll. Dan jipprevedi li l-operaturi tan-negozji tal-ikel għandhom jikkonformaw ma' ċerti proċeduri msejsa fuq dawk il-prinċipji.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 jistipula regoli speċifiċi dwar l-iġjene ta' ikel li ġej mill-annimali għall-operaturi tan-negozji tal-ikel u jissupplimenta r-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 852/2004. Ir-regoli stipulati fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 jinkludu rekwiżiti dwar l-iġjene tal-ħalib nej u l-prodotti tal-ħalib.

(3) Skont il-punt (c) tat-Taqsima B tal-Kapitolu 4 tal-Anness VI tal-Att tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija (l-Att ta' Adeżjoni), il-Bulgarija ngħatat perjodu tranżitorju, li jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2009, għall-konformità ta ċerti stabbilimenti tal-ipproċessar tal-ħalib ma' dawk ir-rekwiżiti iġjeniċi.

(4) Ċerti stabbilimenti li huma awtorizzati jipproċessaw il-ħalib nej li m'huwiex konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 ("ħalib mhux konformi") huma elenkati fil-Kapitolu I tal-Appendiċi tal-Anness VI tal-Att ta' Adeżjoni. Ċerti stabbilimenti li huma awtorizzati jipproċessaw kemm il-ħalib konformi kif ukoll dak mhux konformi, sakemm dan l-ipproċessar isir fuq linji ta' produzzjoni separati, huma elenkati fil-Kapitolu II ta' dak l-Appendiċi.

([1]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.
([2]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1.

▼B

(5) L-istabbilimenti tal-produzzjoni tal-ħalib li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti iġjeniċi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 huma mifruxa fit-territorju kollu tal-Bulgarija. Il-proporzjon ta' ħalib nej li jikkonforma ma' dawk ir-rekwiżiti, li jitwassal fl-istabbilimenti tal-ipproċessar tal-ħalib fil-Bulgarija, żdied biss bi ftit matul dawn l-aħħar snin.

(6) B'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni attwali, jixraq li tiġi prevista deroga b'limitu ta' żmien mir-rekwiżiti dwar l-iġjene stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 bil-ħsieb li dan jippermetti lill-Bulgarija tikkonforma s-settur tal-ħalib tagħha ma' dawk ir-rekwiżiti.

(7) Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, ċerti stabbilimenti tal-ipproċessar tal-ħalib elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni għandhom jitħallew, permezz ta' deroga mir-Regolament (KE) Nru 853/2004, ikomplu jipproċessaw anki wara l-31 ta' Diċembru 2009 ħalib konformi u mhux konformi sakemm l-ipproċessar isir fuq linji ta' produzzjoni separati. Barra minn hekk, ċerti stabbilimenti tal-ipproċessar tal-ħalib elenkati fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni għandhom jitħallew ikomplu jipproċessaw il-ħalib mhux konformi mingħajr linji ta' produzzjoni separati.

(8) It-tqegħid fis-suq tal-prodotti tal-ħalib li jiġu minn ħalib mhux konformi għandu, madankollu, ikun ristrett għall-Bulgarija jew jintuża għal iktar ipproċessar fl-istabbilimenti tal-ipproċessar tal-ħalib koperti mid-deroga stipulata f'din id-Deċiżjoni.

(9) Il-perjodu tranżitorju mogħti minn din id-Deċiżjoni għandu jkun limitat għal 24 xahar mill-1 ta' Jannar 2010. Is-sitwazzjoni fis-settur tal-ħalib fil-Bulgarija għandha tiġi riveduta qabel it-tmiem ta' dak il-perjodu. Għaldaqstant, il-Bulgarija għandha tressaq rapporti annwali lill-Kummissjoni dwar il-progress fit-titjib tal-istabbilimenti tal-produzzjoni tal-ħalib li jfornu l-ħalib nej lill-istabbilimenti tal-ipproċessar tal-ħalib f'dak l-Istat Membru u dwar is-sistema tal-ġbir u t-trasportazzjoni tal-ħalib mhux konformi.

(10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni "ħalib mhux konformi" jfisser ħalib nej li mhux konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness III, Taqsima IX, Kapitolu I, Sottokapitoli II u III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

▼B

Artikolu 2

Permezz ta' deroga mir-rekwiżiti stipulati fl-Anness III, Taqsima IX, Kapitolu I, Sottokapitoli II u III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, l-istabbilimenti tal-ipproċessar tal-ħalib elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni jistgħu jkomplu jipproċessaw, sal- ►M4 31 ta' Diċembru 2013 ◄, ħalib konformi u dak mhux konformi sakemm l-ipproċessar tal-ħalib konformi u ta' dak mhux konformi jsir fuq linji ta' produzjoni separati.

Artikolu 3

Permezz ta' deroga mir-rekwiżiti stipulati fl-Anness III, Taqsima IX, Kapitolu I, Sottokapitoli II u III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, l-istabbilimenti tal-ipproċessar tal-ħalib elenkati fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni jistgħu jkomplu jipproċessaw, sal- ►M4 31 ta' Diċembru 2013 ◄, ħalib mhux konformi mingħajr linji ta' produzjoni separati.

Artikolu 4

Il-prodotti tal-ħalib li jiġu minn ħalib mhux konformi għandhom biss:

(a) jitqiegħdu fis-suq domestiku fil-Bulgarija; jew

(b) jintużaw għal aktar ipproċessar fl-istabbilimenti tal-ipproċessar tal-ħalib fil-Bulgarija msemmija fl-Artikoli 2 u 3.

Dawn il-prodotti tal-ħalib għandu jkollhom marka ta' identifikazzjoni jew dwar is-saħħa li tkun differenti mill-marka ta' identifikazzjoni jew dwar is-saħħa prevista fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

▼M4

Artikolu 5

1. Il-Bulgarija għandha tippreżenta rapporti annwali lill-Kummissjoni dwar il-progress li jkun sar biex dawn li ġejjin isiru konformi mar-Regolament (KE) Nru 853/2004:

(a) l-istabbilimenti tal-produzzjoni li jipproduċu ħalib mhux konformi;

(b) is-sistema għall-ġbir u l-ġarr ta' ħalib mhux konformi.

L-ewwel rapport annwali għandu jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012, u t-tieni rapport annwali sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2013.

Ir-rapporti għandhom jiġu ppreżentati fil-forma li tinsab fl-Anness III.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel monitoraġġ mill-qrib tal-progress li jkun sar biex il-ħalib nej ipproċessat fl-istabbilimenti elenkati fl-Anness I u II isir konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Jekk, abbażi tar-rapporti ppreżentati mill-Bulgarija, il-Kummissjoni tikkonsidra li x'aktarx il-konformità mhux se tinkiseb sal-31 ta' Diċembru 2013, hija għandha tipproponi l-miżuri xierqa sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni.

▼B

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2010 sal-►M4 31 ta' Diċembru 2013 ◄.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼**M4**

ANNESS I

Lista ta' stabbilimenti tal-ħalib li għandhom il-permess jipproċessaw ħalib konformi u mhux konformi kif imsemmi fl-Artikolu 2

Nru	Nru veterinarju	Isem l-istabbiliment	Belt/Triq jew Raħal/Reġjun
1	BG 0412010	"Bi Si Si Handel" OOD	gr. Elena ul. "Treti mart" 19
2	BG 0612027	"Mlechen ray - 2" EOOD	gr. Vratsa kv. "Bistrets"
3	BG 0612043	ET "Zorov- 91 -Dimitar Zorov"	gr. Vratsa Mestnost "Parshevitsa"
4	BG 2012020	"Yotovi" OOD	gr. Sliven kv. "Rechitsa"
5	BG 2512020	"Mizia-Milk" OOD	gr. Targovishte Industrialna zona
6	BG 2112001	"Rodopeya - Belev" EOOD	gr. Smolyan, Ul. "Trakya" 20
7	BG 1212001	"S i S - 7" EOOD	gr. Montana "Vrachansko shose" 1
8	BG 2812003	"Balgarski yogurt" OOD	s. Veselinovo, obl. Yambolska

▼M4

ANNESS II

Lista ta' stabbilimenti li jipproċessaw il-ħalib li għandhom il-permess jipproċessaw ħalib mhux konformi kif imsemmi fl-Artikolu 3

Nru	Nru veterinarju	Isem l-istabbiliment	Belt/Triq jew Raħal/Reġjun
1	BG 2412037	"Stelimeks" EOOD	s. Asen
2	0912015	"Anmar" OOD	s. Padina obsht. Ardino
3	0912016	OOD "Persenski"	s. Zhaltusha obsht. Ardino
4	1012014	ET"Georgi Gushterov DR"	s. Yahinovo
5	1012018	"Evro miyt end milk" EOOD	gr. Kocherinovo obsht. Kocherinovo
6	1112004	"Matev-Mlekoprodukt" OOD	s. Goran
7	1112017	ET "Rima-Rumen Borisov"	s. Vrabevo
8	1312023	"Inter-D" OOD	s. Kozarsko
9	1612049	"Alpina -Milk" EOOD	s. Zhelyazno
10	1612064	OOD "Ikay"	s. Zhitnitsa obsht. Kaloyanovo
11	2112008	MK "Rodopa milk"	s. Smilyan obsht. Smolyan
12	2412039	"Penchev" EOOD	gr. Chirpan ul. "Septemvriytsi" 58
13	2512021	"Keya-Komers-03" EOOD	s. Svetlen
14	0112014	ET "Veles-Kostadin Velev"	gr. Razlog ul. "Golak" 14
15	2312041	"Danim-D.Stoyanov" EOOD	gr. Elin Pelin m-st Mansarovo
16	2712010	"Kamadzhiev-milk" EOOD	s. Kriva reka obsht. N.Kozlevo
17	0712001	"Ben Invest" OOD	s. Kostenkovtsi obsht. Gabrovo
18	1512012	ET "Ahmed Tatarla"	s. Dragash voyvoda, obsht. Nikopol
19	2212027	"Ekobalkan" OOD	gr. Sofia bul "Evropa" 138
20	2312030	ET "Favorit- D.Grigorov"	s. Aldomirovtsi
21	2312031	ET "Belite kamani"	s. Dragotintsi

▼**M4**

Nru	Nru veterinarju	Isem l-istabbiliment	Belt/Triq jew Raħal/Reġjun
22	BG 1512033	ET “Voynov-Ventsislav Hristakiev”	s. Milkovitsa obsht. Gulyantsi
23	BG 1512029	“Lavena” OOD	s. Dolni Dębnik obl. Pleven
24	BG 1612028	ET “Slavka Todorova”	s. Trud obsht. Maritsa
25	BG 1612051	ET “Radev-Radko Radev”	s. Kurtovo Konare obl. Plovdiv
26	BG 1612066	“Lakti ko” OOD	s. Bogdanitza
27	BG 2112029	ET “Karamfil Kasakliev”	gr. Dospat
28	BG 0912004	“Rodopchanka” OOD	s. Byal izvor obsht. Ardino
29	0112003	ET “Vekir”	s. Godlevo
30	0112013	ET “Ivan Kondev”	gr. Razlog Stopanski dvor
31	0212037	“Megakomers” OOD	s. Lyulyakovo obsht. Ruen
32	0512003	SD “LAF-Velizarov i sie”	s. Dabravka obsht. Belogradchik
33	0612035	OOD “Nivego”	s. Chiren
34	0612041	ET “Ekoprodukt-Megiya-Bogorodka Dobrilova”	gr. Vratsa ul. “Ilinden” 3
35	0612042	ET “Mlechen puls - 95 - Tsvetelina Tomova”	gr. Krivodol ul. “Vasil Levski”
36	1012008	“Kentavar” OOD	s. Konyavo obsht. Kyustendil
37	1212022	“Milkkomm” EOOD	gr. Lom ul. “Al.Stamboliyski” 149
38	1212031	“ADL” OOD	s. Vladimirovo obsht. Boychinovtsi
39	1512006	“Mandra” OOD	s. Obnova obsht. Levski
40	1512008	ET “Petar Tonovski-Viola”	gr. Koynare ul. “Hr.Botev” 14
41	1512010	ET “Militsa Lazarova-90”	gr. Slavyanovo, ul.“Asen Zlatarev” 2
42	1612024	SD “Kostovi - EMK”	gr. Saedinenie ul. “L.Karavelov” 5
43	1612043	ET “Dimitar Bikov”	s. Karnare obsht. “Sopot”

▼**M4**

Nru	Nru veterinarju	Isem l-istabbiliment	Belt/Triq jew Raħal/Reġjun
44	1712046	ET “Stem-Tezdzhan Ali”	gr. Razgrad ul. “Knyaz Boris”23
45	2012012	ET “Olimp-P.Gurtsov”	gr. Sliven m-t “Matsulka”
46	2112003	“Milk- inzhenering” OOD	gr. Smolyan ul. “Chervena skala” 21
47	2112027	“Keri” OOD	s. Borino, obsht. Borino
48	2312023	“Mogila” OOD	gr. Godech, ul. “Ruse” 4
49	2512018	“Biomak” EOOD	gr. Omurtag ul. “Rodopi” 2
50	2712013	“Ekselans” OOD	s. Osmar, obsht. V. Preslav
51	2812018	ET “Bulmilk-Nikolay Nikolov”	s. General Inzovo, obl. Yambolska
52	2812010	ET “Mladost-2-Yanko Yanev”	gr. Yambol, ul. “Yambolen” 13
53	BG 1012020	ET “Petar Mitov-Universal”	s. Gorna Grashtitsa obsht. Kyustendil
54	BG 1112016	Mandra “IPZHZ”	gr. Troyan ul. “V.Levski” 281
55	BG 1712042	ET “Madar”	s. Terter
56	BG 2612042	“Bulmilk” OOD	s. Konush obl. Haskovska
57	BG 0912011	ET “Alada-Mohamed Banashak”	s. Byal izvor obsht. Ardino
58	1112026	“ABLAMILK” EOOD	gr. Lukovit ul. “Yordan Yovkov” 13
59	1312005	“Ravnogor” OOD	s. Ravnogor
60	1712010	“Bulagrotreyd-chastna kompaniya” EOOD	s. Yuper Industrialen kvartal
61	1712013	ET “Deniz”	s. Ezerche
62	2012011	ET “Ivan Gardev 52”	gr. Kermen ul. “Hadzhi Dimitar” 2
63	2012024	ET “Denyo Kalchev 53”	gr. Sliven ul. “Samuilovsko shose” 17
64	2112015	OOD “Rozhen Milk”	s. Davidkovo, obsht. Banite
65	2112026	ET “Vladimir Karamitev”	s. Varbina obsht. Madan

▼**M4**

Nru	Nru veterinarju	Isem l-istabbiliment	Belt/Triq jew Raħal/Reġjun
66	2312007	ET “Agropromilk”	gr. Ihtiman ul. “P.Slaveikov” 19
67	BG 1812008	“Vesi” OOD	s. Novo selo
68	BG 2512003	“Si Vi Es” OOD	gr. Omurtag Promishlena zona
69	BG 2612034	ET “Eliksir-Petko Petev”	s. Gorski izvor
70	BG 1812003	“Sirma Prista” AD	gr. Ruse bul. “3-ti mart” 51
71	BG 2512001	“Mladost -2002” OOD	gr. Targovishte bul.“29-ti yanuari” 7
72	0812030	“FAMA” AD	gr. Dobrich bul. “Dobrudzha” 2
73	0912003	“Koveg-mlechni produkti” OOD	gr. Kardzhali Promishlena zona
74	1412015	ET “Boycho Videnov - Elbokada 2000”	s. Stefanovo obsht. Radomir
75	1712017	“Diva 02” OOD	gr. Isperih ul. “An.Kanchev”
76	1712037	ET “Ali Isliamov”	s. Yasenovets
77	1712043	“Maxima milk” OOD	s. Samuil
78	1812005	“DAV - Viktor Simonov” EOOD	gr. Vetovo ul. “Han Kubrat” 52
79	2012010	“Saray” OOD	s. Mokren
80	2012032	“Kiveks” OOD	s.Kovachite
81	2012036	“Minchevi” OOD	s. Korten
82	2212009	“Serdika -94” OOD	gr. Sofia kv. Zheleznitza
83	2312028	ET “Sisi Lyubomir Semkov”	s. Anton
84	2312033	“Balkan spetsial” OOD	s. Gorna Malina
85	2312039	EOOD “Laktoni”	s. Ravno pole, obl. Sofiyska
86	2412040	“Inikom” OOD	gr. Galabovo ul. “G.S.Rakovski” 11
87	2512011	ET “Sevi 2000- Sevie Ibryamova”	s. Krepcha obsht. Opaka
88	2612015	ET “Detelina 39”	s. Brod
89	2812002	“Arachievi” OOD	s. Kirilovo, obl. Yambolska’
90	BG 1612021	ET “Deni-Denislav Dimitrov-Ilias Islamov”	s. Briagovo obsht. Gulyantsi

▼**M4**

Nru	Nru veterinarju	Isem l-istabbiliment	Belt/Triq jew Raħal/Reġjun
91	BG 2012019	“Hemus-Milk komers” OOD	gr. Sliven Promishlena zona Zapad
92	2012008	“Raftis” EOOD	s. Byala
93	2112023	ET “Iliyan Isakov”	s. Trigrad obsht. Devin
94	2312020	“MAH 2003” EOOD	gr. Etropole bul. “Al. Stamboliyski” 21
95	2712005	“Nadezhda” OOD	s. Kliment

▼B

ANNESS III

Formola għar-rapporti kif imsemmi fl-Artikolu 5

Reġjun	Nru totali ta' rziezet tal-prodotti tal-ħalib 31.12.2009	Nru ta' rziezet tal-prodotti tal-ħalib b'ħalib mhux konformi 31.12.2009	% tat-total ta' rziezet tal-prodotti tal-ħalib mhux konformi 31.12.2009	Nru totali ta' rziezet tal-prodotti tal-ħalib 30.11.2010	Nru ta' rziezet tal-prodotti tal-ħalib b'ħalib mhux konformi 30.11.2010	% tat-total ta' rziezet tal-prodotti tal-ħalib mhux konformi 30.11.2010	Nru totali ta' rziezet tal-prodotti tal-ħalib 30.9.2011	Nru ta' rziezet tal-prodotti tal-ħalib b'ħalib mhux konformi 30.9.2011	% tat-total ta' rziezet tal-prodotti tal-ħalib mhux konformi 30.9.2011
Sommarju BU									

Reġjun	Nru totali ta' postijiet minn fejn jinġabar il-ħalib 31.12.2009	Nru ta' postijiet minn fejn jinġabar il-ħalib mhux konformi 31.12.2009	% tat-total ta' postijiet minn fejn jinġabar il-ħalib mhux konformi 31.12.2009	Nru totali ta' postijiet minn fejn jinġabar il-ħalib 30.11.2010	Nru ta' postijiet minn fejn jinġabar il-ħalib mhux konformi 30.11.2010	% tat-total ta' postijiet minn fejn jinġabar il-ħalib mhux konformi 30.11.2010	Nru totali ta' postijiet minn fejn jinġabar il-ħalib 30.9.2011	Nru ta' postijiet minn fejn jinġabar il-ħalib mhux konformi 30.9.2011	% tat-total ta' postijiet minn fejn jinġabar il-ħalib mhux konformi 30.9.2011

▼B

Reġjun	Nru totali ta' postijiet minn fejn jinġabar il-ħalib 31.12.2009	Nru ta' postijiet minn fejn jinġabar il-ħalib mhux konformi 31.12.2009	% tat-total ta' postijiet minn fejn jinġabar il-ħalib mhux konformi 31.12.2009	Nru totali ta' postijiet minn fejn jinġabar il-ħalib 30.11.2010	Nru ta' postijiet minn fejn jinġabar il-ħalib mhux konformi 30.11.2010	% tat-total ta' postijiet minn fejn jinġabar il-ħalib mhux konformi 30.11.2010	Nru totali ta' postijiet minn fejn jinġabar il-ħalib 30.9.2011	Nru ta' postijiet minn fejn jinġabar il-ħalib mhux konformi 30.9.2011	% tat-total ta' postijiet minn fejn jinġabar il-ħalib mhux konformi 30.9.2011
Sommarju BG									